GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION
DIRECTORATE FOR EARLY YEARS, LANGUAGES AND HUMANITIES

MEMORANDUM

**Data**: 14 ta' April 2026 **Ref**: DELH 003/2026

**Lil**: Kapijiet tal-iskejjel Medji u Sekondarji tal-Istat

**Mingħand**: Dr Alice Micallef

**Suġġett**: Attività : Mal-Melodija

---

Id-Dipartiment tal-Malti fi ħdan id-Direttorat għas-Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi flimkien maċ-Ċentru tal-Ilsien Malti se jkunu qed itellgħu attività li fiha l-poeżija *Ħitan tas-Sejjieħ* ta' Marjanu Vella se tkun animata u interpretata mir-rapper Malti magħruf bħala *Il-Lapes*. Din l-attività se ssir fl-iskejjel sekondarji ta' ħames kulleġġi differenti f'dawn id-dati:

| | | |
|---|---|---|
| **Fit-13 t'April** | Skola Sekondarja ta' Ħad-Dingli | Kulleġġ San Nikola |
| **Fil-15 t'April** | Skola Sekondarja, Victoria | Kulleġġ t'Għawdex |
| **Fis-16 t'April** | Skola Sekondarja taż-Żokrija | Kulleġġ Marija Reġina |
| **Fis-17 t'April** | Skola Sekondarja ta' Verdala | Kulleġġ Santa Margerita |
| **Fid-29 t'April** | Skola Sekondarja ta' Santa Luċija | Kulleġġ San Tumas More |

Dan il-proġett huwa wieħed minn għadd ta' inizjattivi li t-Taqsima tal-Malti id-Direttorat għas-Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi fi ħdan id-Dipartiment tal-Kurrikulu ħadet f'dawn l-aħħar xhur. Din l-inizjattiva se tkun qed tintrabat ma' inizjattivi oħra li għandhom l-għan li l-letteratura tingħaqad ma' forom oħra ta' arti u tkun apprezzata mill-istudenti.

Grazzi tas-sapport u l-koperazzjoni tagħkom,

**Dr Alice Micallef**

**Direttriċi**
**Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi**